MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tat-30 ta' Ottubru, 2002

Citazzjoni Numru. 222/2002/1

**L-Avukat Dottor Georg SAPIANO LL.D., bħala mandatarju speċjali tal-imsiefer Imħallef Carmel Aġius**

**vs**

**DIRETTUR ĠENERALI TAL-QRATI TAL-ĠUSTIZZJA TA' MALTA**

**Il-Qorti**:

Rat Rat l-Att taċ-Ċitazzjoni mressaq fil-25 ta' Frar, 2002, li bih l-attur *nomine* ippremetta:

Illi l-Imħallef Agius, għalkemm prezentement huwa wieħed mill-Imħallfin tat-Tribunal Kriminali Internazzjonali għall-ex-Yugoslavia f'Den Haag, l-Olanda, għadu Imħallef tal-Qrati Superjuri ta' Malta;

Illi bħala tali huwa jgawdi l-istess drittjiet u garanziji bħal kull Imħallef ieħor tal-Qrati Superjuri ta’ Malta fosthom li ma jiġix assoggettat għall-ebda ingerenza mill-Ezekuttiv;

Illi minn diversi snin ‘l hawn huwa jiddetjeni kamra fl-aħħar sular tal-lat tal-edifiċċju ta’ dawn il-qrati li jagħti fuq Triq San Gwann, liema kamra huwa dejjem uza bħala uffiċċju u siġrieta tiegħu u għadu juza sallum;

Illi kif jiġi spjegat waqt it-trattazzjoni f’din l-istess siġrieta huwa għandu kustoditi diversi oġġetti partikolarment dokumenti konfidenzjali uħud relatati max-xogħol ġudizzjarju li għamel s’issa u li jista’ jkompli jagħmel fil-futur, uħud oħra ma’ funzjonijiet u attivitajiet uffiċċjali u semi-uffiċċjali, filwaqt li uħud oħra huwa prettament personali;

Illi b’mod mhux uffiċjali huwa sar jaf li nhar it-Tnejn, 28 ta’ Jannar, 2002 il-konvenut, Direttur Ġenerali kien ta’ istruzzjonijiet lil Alex Mallia, messaġġier li kien ġie addett mal-istess Imħallef Agus u li f’idejh kienet ġiet fdata iċ-ċavetta tal-istess siġrieta mill-istess Imħallef, biex jidħol fl-imsemmja siġrieta tiegħu u jizvujtaha minn kollox u ippretenda li jkun l-istess messaġġier li jinforma lill-Imħallef Agius fl-Olanda b’din id-deċiżjoni;

Illi dan kollu ġara meta u nonostante li l-istess Direttur Ġenerali kien ġie infurmat uffiċjalment mill-istess Imħallef Agius f’diskursata telefonika li saret l-Erbgħa, 23 ta’ Jannar, 2002 li ma kienx minnu li kien sar xi ftehim miegħu biex jirrilaxxja l-imsemmija kamra;

Illi din l-ordni ma ġietx esegwita mhux biss għax il-messaġġier kellu struzzjonijiet preċiżi mill-istess Imħallef Agius u irrefera dak li ġara lill-Unur Tiegħu il-Prim Imħallef li kien inzamm kompletament fl-oskur ta’ dak li kien qed jiġri, izda anki għax l-istess konvenut ġie indirizzat mill-istess Prim Imħallef biex qabel xejn jagħmel dak li jmissu kien jaf ben tajjeb li għandu jagħmel u cioe’, li jikkomunika mal-Imħallef Agius jew b’telefonata, jew b’fax jew permezz tal-e-mail - parir li l-istess Direttur iddeċieda li ma jieħux u minflok ftit siegħat wara informa lill-istess messaġġier

imsemmi li l-għada, ċioe' fid-29 ta' Jannar, 2002, fit 8 a.m hu kien ser jibgħat  in-nies tiegħu biex jidħlu fis-siġrieta imsemmja u jizvujtawha minn kollox;

Illi anki din it-tieni deċiżjoni ma ġietx kommunikata uffiċjalment lill-Imħallef Agius li sar jaf biha aċċidentalment meta ipprova jivverifika x'kien qed jġri ma' persuni ta' fiduċja tiegħu;

Illi effettivament huwa qatt ma ta l-kunsens tiegħu jew aċċetta jew ftiehem li xi ħadd jieħu pussess tas-siġrieta tiegħu;

Illi element essenzjali mill-funżjoni tiegħu bħala ġudikant hija l-invjolabilita' tad-dokumenti tiegħu relatati mal-uffiċċju tiegħu u konsegwentement tal-ambjenti fejn dawk id-dokumenti jkunu mizmuma ikunu x'jkunu dawk l-ambjenti imma aktar u aktar meta dawk l-ambjenti jkunu jikkostitwixxu l-uffiċċju u s-siġrieta tal-istess Imhallef li għandhom għaldaqstant jibqgħu integri;

Illi huwa essenzjali għal kull membru ta-lĠudikatura Maltija ikollu mistrieħ li dan il-prinċipju imsemmi ma jkun fl-ebda ħin mhedded speċjalment mill-Poter Esekuttiv li fil-konfront tiegħu huwa neċessarju li tinzamm is-separazzjoni biex tibqa integra l-Indipendenza tal-Ġudikatura;

Illi fi kwalunkwe każ anki għal dawk li huma oggetti dokumenti personali,  uffiċjali, semi uffiċjali, konfidenzjali u mhumiex, huwa jgawdi ukoll l-istess protezzjonijiet li jgawdi kull  ċittadin fir-rigward tal-proprjeta' tiegħi, tad-dritt ta' privatezza kif ukoll dawk ordinarji ta' pussess li ma jippermettux aġir arbitrarju ta' spussess u ta' spoll;

Illi affaċċjat b'din is-sitwazzjoni, ċioe', bit-tħeddida li fi ftit siegħat kien ser jiġi zgumbrat mis-siġrieta tiegħu minn impjegat ċivili li m'għandu ebda awtorita' fuqu, kf jista jiġi pruvat waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawża, huwa ipprova jesplora it-toroq kollha disponibbli biex ikun hemm interval biex tinstab soluzzjoni aċċettabbli u jiġi evitat il-preċedent ikrah li fl-ewwel darba fl-istorja tal-ġudikatura Maltija id-

Direttur Ġenerali tal-Qrati jasserixxi drittijiet fuq membru tal-ġudikatura, liema tentattivi ma kellhomx ezitu favorevoli;

Illi konsegwentement huwa ma kellux triq oħra ħlief li jadixxi il-Qorti biex jottjeni il-ħrug ta’ mandat ta’ inibizzjoni biex jittutela id-drittijiet kollha tiegħu kif ukoll għax ma deherlux li seta’ jaċċetta anki għal mument wieħed biss li d-Direttur Ġenerali kellu xi awtorita’ fuqu;

Illi l-konvenut Direttur Ġenerali ta’ dawn il-Qrati, la f’din il-funzjoni u wisq anqas bħala Reġistratur ta’ dawn il-Qrati, ma għandu id-dritt li jieħu pussess anki momentanjament ta’ dokumenti ta’ ġudikant huma x’inhuma jew tal-ambjenti fejn dawk l-istess dokumenti jkunu mill-istess ġudikant kustoditi mingħajr il-kunsens espress u inekwivoku tal-ġudikant li jkun, billi dan ikun jikkostitwixxi vjolazzjoni serjissima tal-prinċipju imsemmi oltre milli jkun jikkostitwixxi spussessament illegali;

Illi l-istess konvenut fi kwalunkwe każ m’għandu ebda dritt li arbitrarjament jispolja lill-imsemmi Imħallef Agius minn hwejjgu;

Jgħid il-konvenut għaliex m’għandhiex din l-Onorabbli Qorti prevja dikjarazzjoni li huwa m’għandux il-poter jew id-dritt li mingħajr il-kunsens espress tal-istess Imħallef imsemmi jieħu l-pussess tal-kamra msemmija detenuta mill-istess Imħallef u tad-dokumenti u oggetti kollha li hemm fiha u li tali teħid ta’ pussess abuziv ikun jikkostitwixxi mhux biss vjolazzjoni tad-drittijiet tal-ġudikant imma jkun anki jammonta għal spussess arbitrarju u illegali;

1. Tikkonferma l-imsemmi mandat ta’ inibizzjoni numru 169/02 AD tat-28 ta’ Jannar, 2002, kif iddegretat definittivmaent fit-13 ta’ Frar, 2002, u tinibixxi permanentement lill-konvenut milli jidħol fis-siġrieta tal-Imħallef imsemmi u milli jieħu, anki momentanjament, pussess ta’ dak li jinsab fiha sakemm ma jkollux il-kunsens espress tal-Imħallef imsemmi;

Bl-ispejjeż kollha inkluzi dawk tal-Mandat ta' Inibizzjoni Numru 169/02 AD tat-28 ta' Jannar, 2002 kontra l-konvenut inġunt minn issa għas-subizzjoni tiegħu;

Rat id-Dikjarazzjoni maħlufa u n-Nota tax-Xiehda tal-attur *nomine* flimkien maż-żewġ (2) dokumenti mehmużin magħha;

Rat in-Nota mressqa fit-12 ta' Marzu, 2002, li biha l-imħarrek eċċepixxa:

1. Illi t-talbet attriċi għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra l-attur għaliex huma fondati fuq premessi pretestwuzi u ħżiena fil-fatti u fil-liġl;

2. Illi t-talba ta' l-attur kif proposta mhix proponibbli. Ħadd ma għandu dritt li jinnibixxi lill-ħaddieħor permanentament milli jagħmel xi ħaga. It-talba ta' l-attur ma tissodifax il-vot ta' l-artikolu 843 tal-Kap 12 illi jgħid li dak li wieħed għandu jagħmel hi "kawża għall-jedd imsemmi fil-mandat". L-attur jista' jkollu jedd ta' proprjeta', pussess, detenzjoni, godiment et cetera tas-siġrieta de quo, u jekk għandu tali dritt dak id-dritt jimplika obbliġi fuq ħaddieħor iżda ma għandux il-mero dritt li jinnibixxi permanentament;

3. Illi filwaqt li mhux kontestat dak miġjub fl-ewwel premessa fiċ-ċitazzjoni l-fatt imsemmi fit-tieni premessa illi mandatant ta' l-attur għadu imħallef ta' Malta bi dritt li ma jsofrix ingerenza mill-eżekutttiv **fil-qadi tal-funzjonijiet tiegħu bħala imħallef** (kliem sottolineat miżjud mill-esponent), jiċċepixxi illi in kwantu din l-azzjoni qed issir mill-mandant fil-vesti tiegħu ta' imħallef tali vesti ma tistax tiġi assenjata lil ħaddieħor bi prokura u għalhekk din il-kawża ma setgħetx tiġi proposta minn mandatarju għax il-vesti u l-funzjonijiet ta' imħallef m'humiex assenjabbli jew delegabbili izda huma prettament personali u marbutin mal-kariga tiegħu;

4. Illi mhux minnu illi l-imħallef Agius qatt kellu d-detenzjoni ta' xi kmamar fil-Qorti, (u apparti l-fatt illi ċ-ċitazzjoni mhiex ċara jekk hiex qed titkellem fuq numru ta'

kmamar kif sar fil-mandat ta' inibizzjoni de quo jew kamra waħda kif tidher li qed titkellem iċ-ċitazzjoni - u fil-każ liema kamra?) fil-verita' l-fatti huma li bħal kull imħallef ieħor u l-imħallef Agius ġiet allokata kamra jew kmamar bħala siġrieta biex jagħmel uzu minnhom fiz-żmien illi hu jkun qed jaqdi l-funzjonijiet tiegħu bħala Imħallef u għall-iskop esklussiv ta' l-ezerċizzju ta' dawk il-funzjonijiet. L-imħallef Agius għalhekk għandu biss relazzjoni ta' fatt mal-kamra jew kmamar in kwestjoni liema relazzjoni la tammonta għal detenzjoni u wisq inqas għall-"pussess" bazat fuq titolu legali. Id-detenzjoni u l-pussess ta' l-istess kmamar baqgħet dejjem f'idejn il-Gvern rapprezentat mill-esponent;

5. Illi l-imħallef Agius illum jinstab imsiefer u mhux qiegħed, bi ftehm mal-gvern, jaqdi l-funzjonijiet tiegħu ta' imħallef u għalhekk l-iskop li għalih ġiet allokata l-kamra de quo illum spiċċa u l-bazi legali ta' kull detenzjoni ta' l-immobbli in kwistjoni li qatt seta' kien hemm (u li l-esponent ma jaċċettax li kien hemm) spiċċat ukoll;

6. Illi l-kamra de quo qatt ma ġiet allokata lill-Imħallef Agius biex iqiegħed fiha oggetti personali, post id-dokumenti uffiċjali li ma għadux jaħdem fuqhom l-imħallef Agius hu fir-reġistru jew fl-arkivju, u dawk li huma proprjeta' tiegħu personali għalih fil-proprjeta' tiegħu;

7. Illi Alex Mallia hu impjegat tad-Direttur Ġenerali tal-Qorti u ma għandux jieħu ordnijiet minn ħaddiehor, iċ-ċavetta tal-kmamar de quo ġiet fdata lilu minn impjegat ieħor tal-esponent u qatt mill-imħallef Agius li qatt ma kellu d-detenzjoni tal-kamra iżda biss tal-ħwejjeg personali li kellu fiha;

8. Illi ma hu rikjest ebda ftehim mal-Imħallef Agus biex il-kamra de quo tiġi allokata lill-Imħallef ieħor li jkun qed jezerċita l-funzjonijiet tiegħu u kien għalhekk li l-Imħallef Agius ġie mitlub li jizvojta l-istess minn ħwejjgu sabiex din tkun tista' tintuza' minn Imħallef ieħor sedenti f'Malta;

9. Illi l-Imħallef Agius hu liberu illi jieħu d-dokumenti personali tiegħu u dawk in-noti tiegħu konfidenżjali li għamel bħala imħallef izda ma jistax permezz ta' l- istess jikkapparra uffiċji u kmamar li ma għandu l- ebda jedd fuqhom billi jitlaq dawk id-dokumenti fihom;

10. Illi l-Imħallef Agius ma jistax għax abbuzivament jitlaq dokumenti personali jew dokumenti li hu għandu jikkustodixxi personalment f'ambjent li ma jappartjenix lilu, jinvoka id-dritt ta' privatezza biex ikomplu juzurpa dak l-ambjent. L-ambjent inkwistjoni huwa wieħed li jifforma parti minn edifiċċju pubbliku użat għall-iskop ta' l-amministrazzjoni tal-ġustizzja u m'għandu x'jaqsam xejn mal-ħajja privata ta' l-Imħallef Agius;

11. Illi l-Imħallef Agius la għandu pussess u lanqas detenzjoni tal-kmamar de quo u għalhekk ma jistax jinvoka d-dritt li ma jiġix spoljat;

12. Illi l-esponent mhu qed jasserixxi l-ebda dritt fuq il-membri tal-ġudikatura iżda qiegħed biss kif obbligat bil-funzjoni tiegħu jipprova jamministra l-bini fdat lilu mill-Gvern. Dan ma jfissirx xi inġerenza la fuq imħallfin, la fuq dokumenti konfidenżjali tagħhom u lanqas fuq ħwejjeg privati tagħhom jew fuq l-amministrazzjoni tal-ġustizzja;

13. Illi bla preġudizzju għas-suespost ix-xhieda elenkati mill-attur mhux produċibbli għaliex mhux indikat fil-konfront ta' kull wieħed minnhom l-oggett tal-prova;

14. Għaldaqstant it-talba ta' l-attur nomine għandha tiġi miċħuda bl-ispejjeż inkluzi dawk in konnessjoni mal-mandat ta' inibizzjoni numru 169/02 AD;

Illi l-esponent qed jipprevalixxi ruħu minn din in-nota u flimkien ma' liema Nota l-istess imħarrek ipprezenta l-kontro talba li gejja:

Kontro talba tal-Konvenut:

Illi l-esponent hu l-amministratur tal-bini tal-qorti, u bħala tali għandu l-kompitu li jassenja s-siġrieti lill-imħallfin biex fihom jkunu jistgħu jaqdu l-funzjonijiet tagħhom;

Illi l-predeċessuri tiegħu kienu assenjaw numru ta' kmamar lill-Imħallef Agius biex juzahom bħala siġrieta fil-qadi tal-funzjonijiet tiegħu bħala Imħallef;

Illi, illum, l-Imħallef Agius ma għadux jaqdi l-funzjonijiet tiegħu bħala Imħallef u għalhekk l-iskop li għalih kienu tqegħdu għad-disposizzjoni tiegħu l-istess kmamar illum spiċċa l-Imħallef ma għandux dritt ikompli jzomm l-istess kmamar;

Illi hu jinħtieġlu illi l-kmamar li preċedentament kienu assenjati lill-Imħallef Agius jassenjhom lill-Imħallfin oħra li qed jagħmlu x-xogħol preċedentament assenjat lill-Imħallef Agius;

Illi l-Imħallef Agius qed jirrifjuta illi jbattal l-istess kmamar minn oggetti personali tiegħu fosthom karti bankarji privati u dokumenti oħra privati, notamenti personali kif ukoll akkwarju bil-ħut ta' l-ilma ħelu, u qiegħed ukoll jrrifjuta li jirrilaxxa l-istess kmamar lill-esponent;

Jgħid l-attur nomine għaliex ma għandux fi żmien qasir u perentorju li jiġi iffissat minn din il-qorti jiġi kkundannat ibattal l-imsemmija kmamar mill-ħwejjeg personali tiegħu u jirrilaxxja l-istess kmamar lill-esponent, u fin-nuqqas jiġi awtorizzat l-esponent biex jidħol fl-istess kmamar u jikkunsinna l-effetti personali li l-kunsiminatorju maħtur minn din l-Onorabbli Qorti a spejjeż ta' l-istess Imħallef Carmelo Agius;

Rat id-Dikjarazzjoni maħlufa u n-Nota tax-Xiehda tal-imħarrek, flimkien mas-sitt (6) dokumenti mressqin magħha;

Rat id-Degriet tagħha tat-12 ta’ Marzu, 2002[1], fuq talba magħmula mill-imħarrek fir-Rikors tiegħu mressaq dak inhar stess;

Rat in-Nota mressqa fit-2 t’April, 2002, li biha għar-rigward tal-kontro-talba tal-imħarrek, l-attur *nomine* eċċepixxa:

1. Illi preliminarjament l-intempestivita tat-talbiet tal-konvenut rikonvenzjonant stante illi qatt qabel illum ma talab lill-esponenti jbattal l-imsemmija kmamar mill-ħwejjeg personali tiegħu u jirrilaxxja l-isetss kmamar;

2. Illi ukoll preliminarjament u mingħajr preġudizzju għall-premess it-talbiet tal-konvenut rikonvenzjonant huma monki u qatt ma jistgħu jiġu ikkunsidrati minn din l-Onorabbli Qorti stante illi mhumiex magħmula lilha fis-sens illi d-diċitura hija kif gej “jgħid l-attur nomine għaliex m’għandux fi żmien qasir u perentorju li jiġi ffissat minn din il-qorti jiġi kkundannat....” minflok kif suppost “jgħid l-attur nomine għaliex m’għandiex din l-Onorabbli Qorti fi żmien qasir u perentorju....”;

3. Illi ukoll preliminarjament u mingħajr preġudizzju għal premess l-irritwalita’ tat-talbiet tal-konvenut rikonvenzjonant stante illi ma saret ebda talba illi titlob id-dikjarazzjoni tal-illegalita’ jew abbuzivita’ tal-aġir tal-attur qabel ma ntalbet il-kundanna sabiex jitbattlu l-kmamar....;

4. Illi mingħajr preġudizzju għal premess fil-mertu il-konvenut bħala amministratur tal-bini tal-qorti jrid jipprova kif huwa detentur u/jew pussessur tal-kmamar imsemmija illi in ogni każ sallum għandu jirriżulta illi in effetti si tratta ta’ kamra waħda;

5. Illi mhuwiex minnu illi l-attur m’għadux jaqdi l-funzjonijiet tiegħu bħala Imħallef u għalhekk kull konsegwenza illi toħrog minn din il-premessa fallaċeja hija nulla;

[1] Pa[. 45 tal-pro`ess

6. Illi l-konvenut għandu jipprova illi hu jinħtieġlu l-kmamar li precedentement kienu assenjati lill-Imħallef Agius jassenjhom lill-Imħallfin oħra li qed jagħmlu x-xogħol preċedentement assenjat lilu stante illi dan mhuwiex stat ta' fatt rikonoxxut;

7. Illi l-ħames premessa tal-konvenut hija inveritjiera u konsegwentement kull talba li hija ibbazata fuqha ma treġiex;

8. Illi in ogni każ il-konvenut rikonvenzjonant irid qabel xejn jipprova d-drittijiet tiegħu u fuq x'hiex qed jibbazhom qabel ma jippretendi li jitbattlu kmamar u jiġu rilaxxati f'idejh;

9. Salv eċċezzjonijiet oħra;

Rat id-Dikjarazzjoni maħlufa u n-Nota tax-Xiehda tal-attur rikonvenzjonat;

Rat il-verbal tas-smigħ tas-7 ta' Mejju, 2002;

Rat is-sentenza tagħha tat-23 ta' Mejju, 2002[2], dwar l-eċċezzjoni tal-imħarrek rigward l-ammissibilita' ta' xiehda għall-attur;

Rat il-verbal tas-smigħ tat-23 ta' Mejju, 2002, li fih sar qbil li kellhom jiġu trattati t-tieni u t-tielet eċċezzjonijiet tal-imħarrek għall-azzjoni attriċi, flimkien mat-tieni u t-tielet eċċezzjonijiet tal-attur għall-kontro-talba mressqa mill-imħarrek;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-imħarrek fil-11 ta' Ġunju, 2002[3];

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-attur *nomine* fit-12 ta' Ġunju, 2002[4];

---

[2] Pa[[. 56 sa 70 tal-pro`ess
[3] Pa[[. 73-6 tal-pro`ess
[4] Pa[[. 78 sa 82 tal-pro`ess

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-Degrieti tagħha tal-4 ta' Lulju, 2002, u tat-28 ta' Ottubru, 2002, li bihom ħalliet il-kawża għad-deċiżjoni dwar l-imsemmija eċċezzjonijiet preliminari;

***Ikkunsidrat:***

Illi b'din il-kawża, l-attur *nomine* qiegħed jitlob li jitneħħiex mill-pussess ta' ambjent fil-bini tal-Qorti li għal żmien twil kien juża bħala l-uffiċċju tiegħu bħala mħallef, u biex iżomm ħajja l-effetti ta' Mandat ta' Inibizzjoni li nħareġ favur tiegħu kontra l-imħarrek fit-13 ta' Frar, 2002;

Illi l-imħarrek laqa' għal din l-azzjoni billi, fost l-oħrajn, qal li l-attur ma kellux pussess tal-uffiċċju kif trid il-liġi u li l-azzjoni ma setgħetx titressaq kif fil-fatt saret;

Illi, minbarra dan, l-imħarrek ressaq talba rikonvenzjonali ta' rivendika fejn qiegħed jitlob li l-attur jiġi ordnat ibattal l-imsemmi uffiċċju u joħroġ ħwejġu minnu fi żmien li tagħti l-Qorti u li, jekk jonqos li jagħmel dan, l-istess imħarrek rikonvenzjonant ikun mogħti s-setgħa li jieħu l-imsemmi uffiċċju f'idejh u jgħaddi hu ħwejjeġ l-attur lill-attur bi spejjeż ta' dan;

Illi l-erba' eċċezzjonijiet li dwarhom qegħda tingħata din is-sentenza tqanqlu miż-żewġ partijiet. Fil-każ tal-imħarrek, dawn huma (a) li l-ebda jedd m'huwa mogħti lil ħadd li jżomm lil ħaddieħor għal dejjem milli jagħmel xi ħaġa u li t-talba tal-attur ma twettaqx dak li jitlob l-artikolu 843 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, u (b) li l-attur *nomine* m'għandux il-kapaċita' li joqgħod fil-ġudizzju u ma jistax jeżerċita l-azzjoni preżenti billi l-attur *proprio,* bħala mħallef, m'għandux is-setgħa li jassenja lil ħaddieħor permezz ta' prokura l-vesti tiegħu ta' mħallef. Fil-każ tal-attur rikonvenzjonat, iż-żewġ eċċezzjonijiet li dwarhom qegħda tingħata din is-sentenza huma (a) li t-talbiet rikonvenzjonali huma monki għaliex dawn huma indirizzati

lill-attur u mhux lill-Qorti, u (b) li l-istess talbiet rikonvenzjonali huma irriti għaliex ma saritx talba li titlob dikjarazzjoni tal-illegalita' jew abbużivita' fl-imġiba tiegħu qabel ma ntalbet il-kundanna tiegħu li jitneħħa mill-kamra tiegħu;

Illi, qabel tgħaddi biex tqis kull waħda minn dawn l-eċċezzjonijiet, fl-ordni li fiha saru, il-Qorti tħossha fid-dmir li tgħid li l-ebda waħda minn dawn l-eċċezzjonijiet ma hija maħsuba li tgħin biex il-kwestjoni fil-mertu li tnisslet bejn il-partijiet tiġi kif imiss mistħarrġa u solvuta. L-għan waħdien ta' kull waħda minn dawn l-eċċezzjonijiet huwa dak li tittanta ġġib fix-xejn l-azzjoni tal-parti l-oħra bla ma jsir id-dibattitu fil-mertu. Il-Qorti trid doverożament tistħarreġ kull waħda mill-eċċezzjonijiet sabiex tqis is-siwi tagħhom u tagħti l-fehma tagħha bla ma tindaħal fil-mertu tal-kwestjoni;

Illi dwar jekk l-azzjoni tal-attur tħarisx dak li jitlob l-artikolu 843 tal-Kap 12, l-imħarrek jgħid li saret talba waħda mill-attur, jiġifieri dik li tikkonferma l-Mandat ta' Inibizzjoni u li l-imħarrek jinżamm għal dejjem milli jidħol fil-kamra tal-attur u jieħu pussess tagħha. L-imħarrek iqis talba bħal din bħala nieqsa mill-element ta' "kawża għall-jedd imsemmi fil-Mandat" li dak l-artikolu jistabilixxi. Iqis ukoll li l-azzjoni attriċi m'hijiex_waħda li tasserixxi xi jedd fl-attur, imma li hija maħsuba biss li ċċaħħad lill-imħarrek milli jwettaq xi ħaġa li tolqot lill-attur;

Illi għal din is-sottomissjoni, l-attur jirribatti billi jgħid illi l-jedd li għalih talab il-ħruġ tal-Mandat ma kienx wieħed ta'proprjeta' jew ta' pussess fil-kamra tiegħu, imma "unikament" li l-jedd tiegħu ta' privatezza għaliha jibqa' mħares, li ma jiġix spoljat u li jiġi mħares milli jiġi mneħħi kontra r-rieda tiegħu minn dik il-kamra. Huwa jfisser ukoll li t-talba tiegħu li l-imħarrek jinżamm milli jneħħih mill-imsemmija kamra m'hijiex għal dejjem, imma sakemm jibqgħu fis-seħħ iċ-ċirkostanzi preżenti tiegħu. Huwa jerġa' jisħaq li "mhux biss qatt ma talab iżda saħansitra qatt ma ippretenda illi d-drittijiet tiegħu jagħtu lok għad-dritt illi jintavola l-kawża odjerna sabiex iżomm u jirritjeni l-pussess tal-kamra permanentement";

Illi fuq eżami ta’ dritt marbut ma’ din il-kwestjoni, tajjeb li jingħad li l-jedd tal-kawtela (dak proċedurali) maħsub f’talba għall-ħruġ ta’Mandat m’huwiex id-dritt sostanzjali li jista’ jiġi mħares, għaliex dawn huma żewġ jeddijiet distinti li ma jistgħux jitqiesu bħala l-istess. Il-jedd imsemmi fil-Mandat m’huwiex id-dritt li tagħmel mandat, imma huwa d-dritt li għalih il-kreditur eżekutant jagħmel użu mid-dritt li jinstilet mill-kawtela mogħtija bil-ħruġ tal-mandat[5];

Illi, minbarra dan, talba waħedha f’att taċ-ċitazzjoni fis-sens li l-effetti ta’ Mandat ta’ Inibizzjoni jiġu konfermati tqieset bħala talba inaċċettabbli billi timmira li tagħmel perpetwa inibizzjoni li, min-natura tagħha, hija limitata għaż-żmien meħtieġ sakemm jiġi meqjus id-dritt sostantiv li b’ħarsien tiegħu inħareġ tali Mandat[6]. F’każ bħal dan, il-Qorti ma taħsibhiex darbtejn biex tiddikjara l-att ġudizzjarju li jkun nieqes mit-talba għad-dritt imsemmi fil-Mandat bħala att li ma jiswiex[7];

Illi fil-każ preżenti, huwa minnu li l-azzjoni attriċi fiha talba waħda, imma mit-tifsila tagħha huwa evidenti li din timmira għal żewġ għanijiet, imsenslin flimkien, u jiġifieri li iżżomm fis-seħħ id-degriet mogħti fit-13 ta’ Frar, 2002, li laqa’ t-talba għall-ħruġ tal-Mandat ta’ Inibizzjoni, u wkoll li l-imħarrek jinżamm milli jidħol fil-kamra tal-attur, imqar għal waqt wieħed, u jieħu taħt idejh dik il-kamra u dak li hemm fiha. Tajjeb li jingħad ukoll li, kif għadd ta’ drabi mtenni mill-Qrati tagħna, it-tifsir tat-talbiet f’kawża jsir b’riferenza għall-premessi li jiġu qabilhom u li magħhom iridu jinqraw;

Illi l-kwestjoni mqanqla mill-imħarrek li l-attur mhux qiegħed jinvoka jedd favurih imma biss ċaħda ta’ għamil kontra d-Direttur ta’ min jieqaf jaħseb dwarha wkoll. Kif inhu magħruf, fil-qasam ċivili, il-jedd ta’ persuna jikkorrispondi mal-obbligu ta’ persuna oħra li tħalli jitwettaq dak il-jedd. F’din il-kawża l-attur qiegħed jitlob li l-imħarrek jinżamm milli jidħol fil-kamra tiegħu u/jew li jieħu taħt idejh pussess ta’ dak li hemm fiha. L-attur innifsu,

[5] App. ~iv. **27.11.1991** fil-kaw\a fl-ismijiet ***Aquilina vs Aquilina noe***
[6] App. ~iv **7.10.1997** fil-kaw\a fl-ismijiet ***Galea et vs Gau`i*** (Kollez. Vol: **LXXXI.ii.719)**
[7] App. ~iv. **14.1.2002** fil-kaw\a fl-ismijiet ***Lawrence Tabone pro et noe vs Raymond Tabone***

kemm fil-premessi taċ-ċitazzjoni, u aktar ċar fin-Nota ta' Osservazzjonijiet tiegħu (biex ma jissemmiex ukoll il-kawżali mressqin minnu fir-Rikors promotur għall-ħruġ tal-Mandat ta' Inibizzjoni[8]), ifisser x'inhu l-jedd li huwa jippretendi li għandu u li qiegħed jitlob il-ħarsien tiegħu f'dak il-Mandat u f'din il-kawża. Fil-fehma tal-Qorti, għalhekk, ma jistax jingħad li kulma qiegħed jintalab huwa ż-żamma ta' aġir tal-imħarrek, imma ż-żamma ta' dak l-aġir b'ħarsien ta' jedd li l-attur jgħid li għandu u li għad irid jipprova li għandu jekk il-kawża tasal biex tibda tiġi mismugħa fil-mertu;

Illi, għalissa, huwa biżżejjed li l-attur jallega li għandu dak id-dritt biex jista' jitqies li huwa ressaq il-pretensjoni dwaru kif irid l-artikolu 843. Jiġifieri, jekk it-talba attriċi 'l quddiem sejra tintlaqa' dan se' jsir mhux biex sempliċement twaqqaf lill-imħarrek milli jidħol f'kamra u joħodha taħt idejh b'kulma fiha, imma għaliex l-attur se' jkun seħħlu juri li għandu jedd li jwaqqaf lill-imħarrek milli hekk jidħol u milli hekk jieħu dik il-kamra u dak li fiha f'idejh. Jekk l-attur ma jseħħlux jipprova li għandu dak il-jedd, l-azzjoni taqa';

Illi għalhekk, il-Qorti ma tistax taqbel mal-imħarrek li l-attur naqas li jressaq il-<u>pretensjoni</u> dwar il-jedd imsemmi fil-Mandat f'din il-kawża, u għalhekk ma ssibx li għandha tilqa' din l-eċċezzjoni tiegħu;

Illi <u>għar-rigward ta' jekk l-attur *nomine* jistax joqgħod f'din il-kawża</u>, jidher li din hija mibnija fuq l-artikoli 780 u 787 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. L-imħarrek innifsu fin-Nota tiegħu jistqarr li għandu dubju dwar l-eċċezzjoni nnifisha minħabba li jħoss li m'huwiex ċar jekk l-attur hux qed iressaq din il-kawża fil-vesti tiegħu bħala individwu li għandu jedd x'jitħares, jew jekk huwiex qiegħed jaġixxi bħala mħallef dwar jedd marbut mal-kariga li jħaddan. Jistqarr li, jekk l-attur qiegħed jaġixxi fl-ewwel kwalita', l-eċċezzjoni ma tibqax tiswa: mhux hekk, iżda, jekk l-attur qiegħed jaġixxi fit-tieni kwalita', f'liema każ, l-attur ma jistax jiddelega l-funzjoni tiegħu - imqar biex jiftaħ kawża - lil ħaddieħor;

[8] Ara Dok "AD1", f'pa[. 12 tal-pro`ess

Illi għal din is-sottomissjoni l-attur laqa' billi fisser li r-rimedju li huwa qiegħed jitlob f'din il-kawża huwa marbut mal-kariga tiegħu ta' Mħallef, imma wieħed irid jagħraf bejn it-twettiq tad-dmirijiet li ġġib magħha kariga bħal dik u l-ħarsien li kull Imħallef għandu jedd għalih fil-qadi tad-dmirijiet tiegħu minn għamil li jista' jikser il-jeddijiet tiegħu. Filwaqt li jaqbel li f'tal-ewwel ma tistax issir delega, jisħaq li fit-tieni ċirkostanza għandu jedd li b'kull mod permissibbli mil-liġi jiddefendi u jħares l-interessi tiegħu u li, jekk meħtieġ, iqabbad lil min jidher għalih jekk ikun il-każ;

Illi l-Qorti, fid-dawl tas-sottomissjonijiet magħmulin mill-partijiet, tibqa' tqis din l-eċċezzjoni minn dak li jidher mill-atti proċesswali. Fis-sewwa jrid jingħad li l-eċċezzjoni taħt eżami ma tgħidx li l-attur *proprio* ma setax iressaq kawża bħalma ressaq: tgħid li l-attur ma setax iqabbad lil min jidher għall-interessi tiegħu f'din il-kawża. Huwa għalhekk li qiegħed jingħad dwar Dottor Sapiano li teżisti l-illeġittimita' tiegħu bħala attur. Il-konklużjoni li tinstilet mill-eċċezzjoni kif imfassla hi li l-attur seta' jagħmel il-kawża li ressaq kieku kien f'Malta, imma ma jistax jagħmilha b'ħaddieħor ladarba mhuwiex f'Malta;

Illi fost l-għadd ta' premessi li jħaddan l-Att taċ-Ċitazzjoni, hemm uħud li jagħmluha ċara li l-attur qiegħed isejjes l-azzjoni tiegħu fuq jeddijiet li jirrigwardawh personalment bħala individwu li, fil-qadi ta' kariga tiegħu, jippretendi li ma jsir xejn li jnaqqaslu t-tgawdija ta' dawk il-ħwejjeġ li bihom jista' jwettaq il-funzjonijiet ta' dik il-kariga jew ħwejġu personali. Il-Qorti tqis li ma jistax ikun li l-liġi trid li persuna, għaliex ikollha l-kariga ta' ġudikant, ma tistax tħares jeddijietha jekk ma tkunx preżenti f'Malta, u titqiegħed b'hekk f'qagħda agħar minn persuna li ma tħaddanx kariga bħal dik u li tista' tqabbad lil min jidher għaliha fi proċeduri ġudizzjarji f'Malta biex tħares jeddijietha. Huwa minnu li l-attur ma jistax jgħaddi lil ħaddieħor is-setgħat li huwa għandu bħala ġudikant u li għat-twettiq tagħhom huwa ngħata dik il-ħatra. Imma altru t-twettiq tas-setgħat u d-doveri tal-kariga, u altru l-ħarsien tal-jeddijiet (anke personali) ta' persuna li tħaddan dik il-

kariga. Hija l-fehma sħiħa ta’ din il-Qorti li ladarba l-liġi nnifisha[9] tagħti l-jedd lil persuna li tidher fi proċedimenti ġudizzjarji f’isem ħaddieħor meta dan tal-aħħar ma jkunx f’Malta, u ladarba l-mandat mogħti mill-attur *proprio* lill-Avukat Sapiano kien wieħed speċjali u limitat għall-finijiet ta’ dawn il-proċeduri (kif mibdijin bir-rikors għall-ħruġ tal-Mandat ta’ Inibizzjoni), m’għandu jkun hemm l-ebda xkiel għall-istess mandatarju milli jieħu fuqu u fil-persuna tiegħu r-responsabbilita’ u r-rappreżentanza tal-attur *proprio* fil-parametri speċifiċi tal-azzjoni preżenti;

Illi, għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti ma tistax issib favur l-eċċezzjoni mqanqla mill-imħarrek dwar il-*locus standi* tal-attur *nomine*;

Illi <u>dwar jekk l-azzjoni rikonvenzjonali hijiex nieqsa jew defiċjenti </u>għax it-talbiet m’humiex indirizzati lill-Qorti imma lill-attur, l-attur jgħid li bena din l-eċċezzjoni fuq x’jgħid l-artikolu 154 tal-Kap 12. L-imħarrek ma ressaq l-ebda sottomissjoni għal din l-eċċezzjoni. Il-Qorti, min-naħa tagħha, ssibha xejn faċli biex tifhem kif l-attur iħoss li l-imsemmi artikolu jista’ jsejjes l-eċċezzjoni. Jekk xejn, l-imsemmi artikolu 154(1) jgħid li l-ordni tal-Qorti hi biex parti tinġieb quddiemha u <u>li dik l-istess parti</u> tgħid għaliex it-talbiet magħmulin kontriha m’għandhomx jintlaqgħu. Huwa minnu li hi l-Qorti u hi biss li, fl-aħħar mill-aħħar tiddeċiedi u taqta’ l-kawża, imma jekk, per eżempju, il-parti mħarrka tistqarr it-talbiet lejha indirizzati, il-Qorti ma jifdlilha xejn x’tagħmel ħlief li, fis-sentenza tagħha, tirreġistra dik l-istqarrija;

Illi, minbarra dan, huwa aċċettat minn kulħadd li l-formaliżmu li joħnoq m’għadx hemm postu fl-ordinament proċedurali Malti, l-iżjed għal dak li jirrigwarda xi għamla jew forma sagramentali li għandu jkollu att ġudizzjarju. Il-formola suġġerita mill-attur u li jgħid li l-imħarrek naqas li jħares ma tista’ bl-ebda mod twassal għat-tħassir tal-kontro-talba ta’ dan, l-iżjed fid-dawl ta’ dak li jipprovdi l-proviso tal-artikolu 789(1) tal-Kap 12;

[9] Art. 1866 tal-Kap 16

Illi, għal dawn ir-raġunijiet, din l-eċċezzjoni tal-attur ma ssibx l-appoġġ tal-liġi u m'hijiex sejra tintlaqa';

Illi <u>dwar jekk l-azzjoni rikonvenzjonali hijiex irritwali għax tonqos fiha talba meħtieġa</u>, l-attur jisħaq li jmissha ntalbet dikjarazzjoni li l-għamil jew l-imġiba tal-attur huma illegali jew abbużivi. Jekk talba bħal dik ma ssirx, ma tistax titwettaq it-talba rikonvenzjonali. L-attur jgħid li t-talba hija ċirkoskritta u determinata minn kif tkun formulata u jsemmi sentenza ta' dawn l-aħħar żminijiet biex isaħħaħ l-argument tiegħu[10] u li wkoll inzertat kienet kawża li tirrigwarda proċeduri meħudin wara l-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni. L-imħarrek ma weġibx għal din is-sottomissjoni;

Illi f'dan ir-rigward, il-liġi, tippreskrivi, fost l-oħrajn, li ċ-Ċitazzjoni għandu jkun fiha tifsir ċar u sewwa tal-oġġett u r-raġuni tat-talba. Dan ifisser ukoll li l-premessi għat-talbiet għandhom iwasslu lil min qiegħed jaqra l-att biex jara rabta bejn dawk il-premessi u t-talbiet. Marbut ma' dan ir-rekwiżit, hemm il-prinċipju li l-parti mħarrka trid tingħata l-fakolta' li tkun tista' tiddefendi kif jixraq lilha nnifisha mill-pretensjoni ta' min iħarrikha[11];

Illi huwa sewwasew dwar din id-disposizzjoni li wieħed isib għadd ta' deċiżjonijiet tal-Qrati tagħna li jfissru l-limiti tagħha fid-dawl tal-eċċezzjoni tan-nullita' tal-Att taċ-Ċitazzjoni minħabba n-nuqqas ta' ħarsien tal-liġi. Ħafna minn dawn id-deċiżjonijiet ingħataw minħabba li jkun ġie allegat li t-talba kienet inċerta, x'aktarx sintesi ta' jeddijiet li kull wieħed minnhom jagħti lok għal azzjoni distinta u separata. Għal xi zmien, il-forma tal-att ġudizzjarju kienet issaltan, imma, biż-żmien u b'interventi tal-leġislatur, issawret it-tejorija magħrufa bħala tal-ekwipollenti li nisslet il-prinċipju li m'hijiex meħtieġa ebda għamla espressa għall-proposizzjoni tal-azzjoni [12];

[10] App. ~iv. **5.10.1998** fil-kaw\a fl-ismijiet ***De Haan noe vs Farru[ia*** (Kollez. Vol: **LXXXII.ii.991**)

[11] Ara, per e\empju, P.A. **5.6.1959** fil-kaw\a fl-ismijiet ***Sciortino et vs Micallef*** (Kollez. Vol: **XLIII.ii.748**)

[12] P.A.: **9.3.1965** fil-kaw\a fl-ismijiet ***M. Muscat noe vs Dr. J. Cassar et noe***. (Kollez. Vol: **XLIX.ii.809**) u s-sentenzi hemm imsemmija;

Illi, għalhekk, ċitazzjoni m'għandhiex tiġi mwaqqgħa għajr għal raġunijiet gravi[13]. Madankollu, jekk in-nuqqas ta' kjarezza jkun ta' għamla u kwalita' tali li jċaħħad b'mod serju lill-imħarrek mid-difiża tiegħu, iċ-ċitazzjoni għandha tiġi mwaqqgħa[14];

Illi dwar l-element ta' kjarezza fl-Att taċ-Ċitazzjoni, l-liġi ma tinsistix fuq formola preċiża jew kliem partikolari, u sakemm it-talba tkun tista' tinftiehem, ma jimpurtax jekk il-kawżali tkunx imfissra b'mod xott jew saħansitra mifhuma jew implikata mit-talba nnifisha[15];

Illi ngħad ukoll li fejn ma jkunx hemm kontradizzjoni għall-aħħar bejn il-premessi u t-talbiet jew bejn it-talbiet innifishom, il-Qrati għandhom iqisu b'ċirkospezzjoni eċċezzjoni ta' nullita' ta' att ġudizzjarju. Biex att ta' ċitazzjoni jgħaddi mill-prova tal-validita' huwa biżżejjed li t-talba tkun imfassla b'mod tali li l-persuna mħarrka tifhem l-intenzjoni ta' min ħarrikha[16] u li tali tifsila ma tkunx ta' ħsara għall-imħarrek li jiddefendi lilu nnifsu mit-talba tal-attur[17];

Illi fis-sentenza li għaliha għadha kemm saret riferenza ftit iżjed 'il fuq, il-Qorti qalet li "*hu neċessarju illi jkun jirriżulta rapport ta' konnessjoni raġonevolment identifikabbli bejn il-premessi miġjubin bħala l-kawża tat-talba u t-talba stess kif diretta kontra l-konvenut*";

Illi huwa wkoll miżmum bħala prinċipju ġenerali li n-natura u l-indoli tal-azzjoni għandhom jiġu misluta mit-termini tal-att li bih ikunu nbdew il-proċeduri [18]. Normalment, b'dan wieħed jifhem li dak li kellu f'moħħu min ikun fetaħ il-kawża jkun irid jirriżulta mill-att taċ-Ċitazzjoni innifsu u

---

[13] App. ~iv.: **20.2.1935** fil-kaw\a fl-ismijiet ***R. Merola pro et vvs S. Caruso*** (Kollez. Vol: **XXIX..i.106**);
[14] App. ~iv.: **22.5.1967** fil-kaw\a fl-ismijiet ***E. Scicluna vs M. Xuereb et*** (Kollez. Vol: **LI.i.299**); u Kumm. **19.6.1989** fil-kaw\a fl-ismijiet ***Frendo noe vs Attard noe*** (Kollez. Vol: **LXXIII.iv.971**) u s-sentenzi hemm imsemmija
[15] P.A. **15.12.1955** fil-kaw\a fl-ismijiet ***Moore noe vs Falzon et.*** (Kollez. Vol: **XXXIX.ii.807**)
[16] P.A. : **14.2.1967** fil-kaw\a fl-ismijiet ***J.G. Coleiro vs Dr. J. Ellul*** (Kollez. Vol: **LI.ii.779**);
[17] App. Kumm. **20.1.1986** fil-kaw\a fl-ismijiet ***Carmelo Bonni`i vs Eucharistico |ammit noe e****t*
[18] App. ~iv.: **7.3.1958** fil-kaw\a fl-ismijiet ***J. Tabone vs J. DeFlavia*** (Kollez. Vol: **XLII.i.87**)

mhux minn provi li jitressqu iżjed ‘il quddiem fil-kawża[19], u għalkemm id-dikjarazzjoni maħlufa hija meħtieġa *ad validitatem* biex iċ-Ċitazzjoni tkun tiswa, dak li jingħad fl-istess dikjarazzjoni ma jiswa qatt biex jirrimedja dak li jista’ jkun nuqqas fl-Att taċ-Ċitazzjoni[20], għalkemm jista’ jitfa’ dawl fuq il-kawżali u jiċċaraha[21]. B’dan il-mod, jekk id-difett fit-tfassila tal-att li bih tkun inbdiet il-kawża ma jġibx preġudizzju serju lill-parti mħarrka, allura l-proċedura tkun tista’ tiġi salvata basta dan ma jaffettwax is-sustanza tal-azzjoni jew tal-eċċezzjonijiet[22];

Illi, jekk wieħed iqis il-kawża preżenti u jkejjilha mal-osservazzjonijiet li għadhom kemm saru isib li dak li qiegħed jippremetti l-imħarrek rikonvenjent ma jħalli l-ebda dubju x’inhu jippretendi li hija n-natura taż-żamma min-naħa tal-attur rikonvenut tal-kamra u l-ambjenti mertu tal-kwestjoni u xi jrid li jilkseb bl-azzjoni rikonvenzjonali tiegħu. Fuq dan l-istess attur, fin-Nota tal-Eċċezzjonijiet tiegħu, juri wkoll li fehem x’qiegħed jingħad u x’għamla ta’ kontestazzjoni qiegħed iressaq għal dawk il-pretensjonijiet;

Illi, fil-fehma tal-Qorti, wieħed irid iżomm quddiem għajnejh li n-nullita’ tal-atti ġudizzjarji hija sanzjoni eċċezzjonali u, fil-każ ta’ att ta’ ċitazzjoni, tali nullita’ tkun imputabbli għal difett ta’ forma aktar milli ta’ sustanza[23], liema difett ma jkunx jista’ jiġi tollerat mingħajr ħsara għal xi prinċipju ta’ ġustizzja proċedurali[24];

Illi ngħad mill-qrati tagħna li d-dikjarazzjonijiet li minn żmien għal żmien ikunu meħtieġa biex l-attur jasal għal xi waħda mit-talbiet tiegħu, m’hemmx bżonn li jsiru fiċ-ċitazzjoni fil-forma ta’ talba[25];

---

[19] App. ~iv. **30.3.1998** fil-kaw\a fl-ismijiet ***Raymond Be\\ina vs Anthony Galea***

[20] Ara P.A. **6.3.1958** fil-kaw\a fl-ismijiet ***|ahra vs |ahra et*** (Kollez. Vol: **XLII.ii.948**)

[21] App. ~iv. **23.4.1945** fil-kaw\a fl-ismijiet ***Savona noe vs Asphar*** (Kollez. Vol: **XXXII.i.228**); u P.A. **6.6.1957** fil-kaw\a fl-ismijiet ***Demarco vs Fiteni*** (Kollez. Vol: **XLI.ii.1035**)

[22] P.A. : **24.6.1961** fil-kaw\a fl-ismijiet ***Falzon vs Spiteri et*** (Kollez. Vol: **XLVIII.ii)**

[23] App. Kumm. **30.6.1994** fil-kaw\a fl-ismijiet ***Micallef vs Krogh Jacobsen*** (Kollez. Vol: **LXXVIII.ii.172**)

[24] Ara App. ~iv. **21.5.1995** fil-kaw\a fl-ismijiet ***Ellul vs Gera de Petri et*** (Kollez. Vol: **LXXIX.ii.434**) u s-sentenzi hemm imsemmija

[25] Ara App. **6.3.1996** fil-kaw\a fl-ismijiet ***|ammit et vs |ammit Tabona noe*** (Kollez. Vol: **LXXX.i.454**) u s-sentenzi hemm imsemmija

Illi l-Qorti tifhem li jekk it-talba rikonvenzjonali tiġi mgħarbla kif imiss, din trid issir strettament fid-dawl ta' dak li jingħad fil-premsssi. Kieku ma jkunx hekk, taqa' kull bażi li fuqha t-talba tista' tintlaqa'. Bilkemm għandu għalfejn jingħad ukoll li f'att ta' Ċitazzjoni, mhux kull premessa li hija ppruvata, jew mhux kontestata, jeħtieġ li jkun hemm provvediment speċifiku dwarha fis-sentenza. Eżami ta' dawn ir-rekwiżiti fil-kontro-talba tal-imħarrek iwassal, fil-fehma tal- Qorti, għas-sejba tagħhom, u b'żieda ma' dan jingħad li t-talba rikonvenzjonali (għalkemm tibqa' tħaddan l-awtonomija tagħha bħala talba) trid titqies fid-dawl ukoll tal-azzjoni oriġinali. Issa bilkemm għandu għalfejn jingħad li l-eżitu tat-talba rikonvenzjonali jiddependi mill-eżitu tat-talba attriċi ewlenija. Jekk l-attur iseħħlu juri li t-talba tiegħu jistħooqilha tintlaqa' ma jkun hemm l-ebda siwi li wieħed iqis il-kontro-talba. Imma jekk l-azzjoni attriċi ma tirnexxix, waħedha għandha toħroġ il-kawżali li fuqha tissejjes it-talba rikonvenzjonali kif imfassla;

Illi, fl-aħħarnett, ma jirriżultax li bin-nuqqas allegat mill-attur rikonvenzjonat fil-kontro-talba huwa ġarrab b'dak in-nuqqas xi preġudizzju li ma jistax jissewwa jekk mhux bit-tħassir tal-att;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qegħda tiddeċiedi billi:

**Tiċħad it-tieni u t-tielet eċċezzjonijiet tal-imħarrek** għat-talba attriċl, bl-ispejjeż kontra tiegħu, u tiddikjara li l-attur ressaq kif imiss il-pretensjonijiet dwar il-jedd imħares bil-Mandat ta' Inibizzjoni maħruġ fit-13 ta' Frar, 2002, u wkoll li l-attur *nomine* għandu l-jedd li joqgħod fil-kawża biex jirrappreżenta lill-attur *proprio* f'din l-azzjoni;

**Tiċħad it-tieni u t-tielet eċċezzjonijiet tal-attur** għat-talba rikonvenzjonali, bl-ispejjeż kontrih, u dan billi tali eċċezzjonijiet m'humiex imsejsin fil-fatt u fid-dritt, billi l-istess talba rikonvenzjonali m'hijiex milquta minn xi nuqqas ta' forma; u

**Tordna** li l-kawża tissokta bit-trattazzjoni tagħha fil-mertu.

---------------------------------TMIEM---------------------------------